# KAPITOLU 281

## ATT DWAR IL-PROFESSJONI TA' L-*ACCOUNTANCY*

*Biex jirregola l-professjoni ta' l-*accountancy *u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' dik il-professjoni jew li huma ancillari għaliha.*

1 ta' April, 1980;
30 ta' Marzu, 1981;
1 ta' Frar, 1987;
1 ta' April, 1987

*L-ATT XXVIII tal-1979, kif emendat bl-Atti XXXIV tal-1986, XVI tal-1991, XVIII tal-2002, u II u XIV tal-2003; bl-Avviż Legali 423 tal-2007; u bl-Atti IX ta' l-2008, u III u XXIII tal-2009.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy.* Titolu fil-qosor.

**2.** (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir. *Emendat: XIV. 2003.2; IX. 2008.47; III. 2009.6; XXIII. 2009.29.*

"*accountant*" tfisser detentur ta' *warrant* jew ditta ta' *accountancy*;

"awditjar" tfisser l-awditjar ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji storiċi u tinkludi l-awditjar; il-kliem "verifika" u "jagħmel verifika" għandhom jiftiehmu skond din it-tifsira;

"awditjar statutorju" tfisser l-awditjar ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji kif preskritt bil-liġi;

"awditur" huwa detentur ta' ċertifkat ta' prattika biex jeżerċita l-prattika fis-settur ta' awditjar u tinkludi ditta ta' awditjar;

"awditur ta' pajjiż terz" tfisser individwu li jagħmel l-awditjar ta' entità inkorporata f'pajjiż terz;

"Bord" tfisser il-Bord ta' l-*Accountancy* imwaqqaf bl-artikolu 6;

"ċertifikat ta' prattika" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 4(2);

"detentur ta' *warrant*" tfisser persuna li jkollha *warrant* maħruġ skond l-artikolu 4(1);

"dikjarazzjonijiet finanzjarji" tfisser il-kontijiet individwali ta' entità jew il-kontijiet konsolidati ta' grupp ta' entitajiet;

"ditta" tfisser ditta ta' awditjar jew ditta ta' *accountancy*;

"ditta ta' *accountancy*" tfisser entitá, tkun xi tkun il-forma legali tagħha, iffurmata skond l-artikolu 10 u kull intrapriża konnessa;

"ditta ta' awditjar" tfisser entitá, tkun xi tkun il-forma legali tagħha, li tkun awtorizzata tipprattika fis-settur ta' awditjar skond l-artikolu 10 u kull intrapriża konnessa;

"entità ta' awditjar ta' pajjiż terz" tfisser entità, minkejja l-forma

legali li tista' tiegħu, li tagħmel l-awditjar ta' entitajiet inkorporati f'pajjiż terz;

"entità ta' interess pubbliku" tfisser entità li jkollha t-titoli trasferibbli tagħha ammessi għall-kummerċ f'suq regolat ta' Stat Membru fil-kuntest tat-tifsira li hemm fil-punt 14 ta' l-artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE, istituzzjoni ta' kreditu kif imfissra fil-punt 1 ta' l-artikolu 1 tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 li għandu x'jaqsam mal-bidu u l-ġestjoni tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, ta' intrapriża ta' assigurazzjoni fil-kuntest tat-tifsira ta' l-artikolu 2(1) tad-Direttiva 91/674/KEE u ta' dawk l-entitajiet l-oħra li jistgħu jiġu preskritti mill-Bord; referenzi għad-direttivi f'din it-tifsira għandhom jinkludu kull leġislazzjoni oħra li temenda jew tissostitwixxi lil dawk id-direttivi;

"intrapriża konnessa" tfisser intrapriża li tkun effettivament ġestita jew promossa bħala prattika waħda mad-ditta jew bħala intrapriża relatata mad-ditta;

"katina ta' kmand" għandu jkollha t-tifsira preskritta mill-Bord minn żmien għal żmien;

"klijent ta' awditjar" tfisser entità li fir-rigward tagħha awditur jagħmel verifika;

"korp ta' *accountancy* approvat" tfisser għaqda ta' *accountants* lokali li għal dak iż-żmien tkun magħrufa mill-Ministru bħala korp ta' *accountancy* approvat taħt l-artikolu 9;

"ma jkunx jeżerċita" tfisser persuna naturali li, għal mill-inqas tliet snin qabel ma jkun involut fit-tmexxija tal-Bord jew ta' xi kumitat imwaqqaf taħtu, ma jkun għamel ebda awditjar statutorju, ma kellu ebda dritt li jivvota f'xi ditta ta' awditjar, ma kienx membru ta' xi korp amministrattiv jew ta' tmexxija ta' ditta ta' awditjar u ma kienx impjegat minn, jew xort'oħra assoċjat ma' xi ditta ta' awditjar;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi u, sal-limitu ta' kull funzjonijiet delegati lilu mill-Ministru, tinkludi l-Bord;

"*network*" tfisser dik l-istruttura akbar li tkun:

(*a*) tħares lejn il-koperazzjoni u li awditur ikun jappartjeni għaliha; u

(*b*) b'mod ċar tħares lejn proprjetà, kontroll jew ġestjoni komuni li jikkonsistu f'parteċipazzjoni fil-profitti jew fl-ispejjeż jew f'ishma, *policies* u proċeduri ta' kwalità ta' kontroll komuni, strateġija kummerċjali komuni, l-użu ta' isem kummerċjali komuni jew parti sinfikanti ta' riżorsi professjonali;

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li ma jkunx Stat Membru;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti jew direttivi taħt dan l-Att;

"prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati" tfisser il-prinċipji u prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati hekk kif imfissra

fir-regolamenti magħmulin mill-Ministru skond l-artikolu 8;

"prinċipal" tfisser kull membru tal-korp amministrattiv jew ta' ġestjoni ta' ditta u kull persuna li tiffirma rapport għan-nom tad-ditta; u fil-każ ta' ditta ta' awditjar, individwu li jagħmel awditjar għan-nom tad-ditta inkluż dak l-individwu li jiffirma r-rapport ta' l-awditjar, l-individwu li kien responsabbli biex imexxi dik l-attività, ir-reviżur ta' l-attività li tirrigwarda l-kontroll tal-kwalità u kull persuna oħra fil-katina ta' kmand għar-rigward ta' dak l-awditjar;

"prinċipal responsabbli għall-konformità" tfisser prinċipal ta' ditta, li, meta jkun qiegħed jaġixxi għan-nom ta' u taħt l-istruzzjonijiet ta' dik id-ditta, ikun responsabbli biex jiżgura konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew tar-regolamenti jew direttivi maħruġin taħtu, u fil-każ ta' prattikant uniku, huwa għandu, f'kull każ, ikun il-prattikant uniku;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru u ta' l-Unjoni Ewropea;

"Tribunal ta' l-Appelli" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. Kap. 490.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-Att riferenzi għal *warrant* maħruġ bis-saħħa tiegħu jinkludu riferenzi għal *warrant* meqjus li hekk inħareġ.

(3) F'dan l-Att u f'kull regolament, direttiva jew linja gwida li jsiru taħtu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti, jipprevali t-test Ingliż.

Meħtieġ *warrant* għall-eżerċizzju tal-professjoni.
*Emendat: XXXIV. 1986.2; XVI. 1991.2; XIV. 2003.3; A.L. 423 tal-2007; IX. 2008.48; XXIII. 2009.30.*

**3.** (1) Ħlief meta jiġi ordnat xort'oħra, ħadd ma jista' jeżerċita l-professjoni ta' *accountant* kemm-il darba ma jkollux *warrant*.

(2) Persuna ma tikkwalifikax għal *warrant* taħt l-artikolu 4, ħlief jekk -

(*a*) tkun ta' reputazzjoni tajba;

(*b*) tkun tista' taġixxi għal kollox skond il-liġi;

(*ċ*) hija tkun:

(i) temmet b'suċċess il-kors li jwassal għall-grad ta' Baciller ta' l-Arti (Bl-Unuri) fl-*Accountancy*, organizzat mill-Università ta' Malta; jew

(ii) kisbet dħul fl-università jew livell ekwivalenti, mbagħad tkun temmet kors ta' istruzzjoni teoretika rikonoxxut mill-Bord:

Iżda f'kull każ, il-korsijiet imsemmija f'dan is-subartikolu għandhom ikopru dawk is-suġġetti f'dawk il-livelli li jistgħu jiġu preskritti;

(*d*) kemm-il darba ma tkunx koperta bil-korsijiet imsemmija fil-paragrafu (*ċ*), tkun għaddiet minn eżami, li parti minnu jew kollu kemm hu għandu jkun bil-miktub, ta' kompetenza professjonali li jkollu livell ta' eżami finali jew ekwivalenti bħal dak ta' Università, li jkun rikonoxxut jew li jsir mill-Bord

għal dak l-għan:

Iżda l-Bord għandu jiżgura li fil-każ ta' applikazzjoni għal ċertifkat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar, l-eżami ta' kompetenza professjonali msemmi f'dan is-subartikolu jkun ikopri adegwatament il-livell neċessarju ta' konoxxenza teoretika tas-suġġetti preskritti rilevanti għall-awditjar kif ukoll il-kapaċità li dik il-konoxxenza tiġi applikata fil-prattika:

Iżda wkoll meta persuna tkun temmet kors ta' istruzzjoni teoretika u għaddiet minn eżami ta' kompetenza professjonali ta' livell ta' eżami finali jew ekwivalenti bħal dak ta' Università dwar il-professjoni ta' l-*accountancy* u li jkun rikonoxxut mill-Bord iżda li ma kienx ikopri lil kull wieħed mis-suġġetti preskritti, il-Bord jista' jaċċetta dik il-kwalifika wara li dik il-persuna tkun għaddiet minn dak l-eżami jew dawk l-eżamijiet fil-liġijiet lokali u f'dawk is-suġġetti l-oħra skond ma l-Bord jista' jistabbilixxi skond iċ-ċirkostanzi partikolari; u

(*e*) tkun tissodisfa lill-Bord li jkollha esperjenza adegwata fil-prattika ta' l-*accountancy* għal perjodu aggregat ta' tliet snin, li minnhom l-ekwivalenti ta' mill-inqas sena esperjenza għandha tinkiseb wara li l-persuna tkun kisbet il-kwalifiki akkademiċi msemmija fil-paragrafu (*ċ*).

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-Ministru jista', bil-parir tal-Bord, joħroġ, lil xi persuna li tkun kwalifikata kif imiss biex taġixxi bħala *accountant* f'xi pajjiż terz, *warrant* biex taġixxi bħala *accountant* f'Malta għal dak il-perijodu limitat jew għal dawk il-perijodi limitati jew għal dak l-għan speċifiku jew għal dawk l-għanijiet speċifiċi, jew kemm għal dak il-perijodu kif ukoll għal dak l-għan, u suġġett għal kull kondizzjoni oħra li tista' tiġi speċifikata fil-*warrant*.

(4) Kull persuna li taġixxi bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u teħel dwar kull reat meta tinsab ħatja, dwar l-ewwel reat multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200.00) u dwar it-tieni reat jew reati oħra wara multa ta' mhux iżjed minn sitt elef euro (€6,000.00) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwu multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn mija u għoxrin euro (€120.00) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat.

(5) Kull persuna li, sabiex tikseb *warrant* jew ċertifikat ta' prattika taħt dan l-Att, tagħti xi tagħrif ħażin jew xort'oħra taġixxi b'mod qarrieqi jew bi frodi, tkun ħatja ta' reat u teħel għal kull reat meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf euro (€12,000.00) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tnax-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(6) Kull persuna li, meta ma tkunx detentur ta' *warrant* jew detentur ta' ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar, maħruġ taħt dan l-Att, tassumi t-titolu jew l-isem ta' "*accountant* pubbliku

ċertifikat" jew ta' "*accountant* u uditur pubbliku ċertifikat" jew l-abbrevjazzjoni tagħhom "CPA" jew "CPAA" jew b'xi mod ieħor turi li jkollha l-jedd li teżerċita l-professjoni ta' *accountant* jew li taġixxi ta' uditur f'Malta, tkun ħatja ta' reat u teħel, għal kull reat meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn elfejn u tliet mitt euro (2,300.00) u dwar it-tieni reat jew reati oħra wara priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

*Warrant* biex persuna teżerċita bħala *accountant*.
*Emendat: XXXIV. 1986.3; XVI. 1991.3.*
*Sostitwit: XIV. 2003.4.*
*Emendat: IX. 2008.49.*

**4.** (1) *Warrant* biex persuna teżerċita l-professjoni ta' *accountant* jinħareġ mill-Ministru bil-parir tal-Bord lil kull min jissodisfa l-ħtiġiet ta' l-artikolu 3(2).

(2) Min ikollu *warrant* maħruġ skond dan l-artikolu jista' b'żjieda ma' dan, ikollu wkoll xi ċertifikat wieħed jew aktar maħruġin mill-Bord (hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-Att ukoll imsejjaħ "ċertifikat ta' prattika") biex ikun jista' jeżerċita f'dawk l-oqsma tal-professjoni ta' *accountant*, inkluża l-verifika, skond ma jista' jiġi preskritt, u ma jkunx jista' jeżerċita f'dawk l-oqsma kemm-il darba ma jkollux iċ-ċertifikat relattiv.

(3) Il-Bord għandu joħroġ ċertifikat ta' prattika biex tiġi eżerċitata l-prattika fis-settur ta' l-awditjar f'Malta lil individwu li jkun ta' fama tajba li jkun awditur approvat f'xi Stat Membru sakemm dak l-individwu jkun għadda, għas-sodisfazzjon tal-Bord, test ta' abilità, li jkun ikopri l-liġijiet u r-regolamenti lokali li huma rilevanti għall-awditjar, stabbiliti mill-Bord għal dan l-għan.

(4) Meta ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar jiġi rtirat għal xi raġuni jew oħra, il-Bord għandu jikkomunika dak il-fatt u r-raġunijiet għal dak l-irtirar lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' l-Istati Membri fejn l-awditur ikun ukoll approvat.

(5) Il-Ministru li jaġixxi bir-rakkomandazzjoni tal-Bord jista' jagħmel regolamenti li jkunu jippreskrivu l-kwalifiki meħtieġa għall-ħruġ ta' ċertifikati skond is-subartikoli (2), (3) u (6) kif ukoll biex jirregola kif dawn jiġu sospiżi, irtirati jew it-teħid ta' kull miżura oħra regolatorja li tista' tkun raġonevolment meħtieġa biex tipproteġi l-interess pubbliku.

(6) Bla ħsara għar-reċiproċità u bla ħsara għal dawk ir-regoli li l-Bord jista' jippreskrivi, il-Bord jista' joħroġ ċertifikat ta' prattika sabiex tiġi eżerċitata l-prattika fis-settur ta' l-awditjar lil awditur ta' pajjiż terz jekk il-Bord ikun sodisfatt li dak l-individwu jkollu pussess tal-kwalifiki stabbiliti fl-artikolu 3(2), li jkun għadda test ta' abilità li jagħmillu l-Bord skond is-subartikolu (3) u li jkun jissodisfa kull kondizzjoni oħra li tista' tiġi preskritta.

Tismija ta' detenturi ta' *warrant*.
*Emendat: XVI. 1991.4; II. 2003.28.*
*Sostitwit: XIV. 2003.4.*
*Emendat: A.L. 423 ta' l-2007; IX. 2008.50.*

**5.** Detentur ta' *warrant* ikollu jedd juża t-tismija "*Accountant* Pubbliku Ċertifikat" kif ukoll l-ittri fil-qosor "CPA".

Bord ta' l-*Accountancy.* *Emendat: XXXIV. 1986.4; XIV. 2003.5; IX. 2008.51.*

**6.** (1) Għandu jkun hemm Bord, li jkun magħruf bħala l-Bord ta' l-*Accountancy,* li jkun magħmul minn *chairman* u minn għaxar membri oħra, li lkoll kemm huma għandu jkollhom konoxxenza fis-settur ta' l-awditjar u l-kontijiet, u li jkunu maħtura mill-Ministru u għandhom iżommu l-kariga għal dak iż-żmien, ta' mhux iżjed minn tliet snin, u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jiġu stabbiliti fl-ittri tal-ħatra tagħhom:

Iżda meta jgħaddi ż-żmien tal-ħatra ta' persuna skond dan is-subartikolu, dik il-persuna tkun tista' tiġi maħtura mill-ġdid.

(2) Il-Bord għandu jkun magħmul minn:

(*a*) president li jkollu fama u esperjenza rikonoxxuta fil-professjoni ta' l-*accountancy* u li ma jkunx jeżerċita;

(*b*) persuna li ma tkunx teżerċita u li tkun nominata mill-Università ta' Malta minn fost lista ta' mhux inqas minn żewġ persuni li jiġu nominati minn dik l-università minn fost il-membri tal-persunal ta' l-għalliema tal-Fakultà jew Fakultajiet li fihom ikun organizzat it-tagħlim u r-riċerka fis-settur ta' l-*accountancy*;

(*ċ*) uffiċjal anzjan mill-Ministeru responsabbli għall-finanzi li jkun persuna li ma tkunx teżerċita;

(*d*) żewġ membri rakkomandati minn korp ta' l-*accountancy* rikonoxxut minn fost lista ta' mhux inqas minn erba' membri li jiġu nominati minn dak il-korp;

(*e*) tliet membri li jkunu *accountants* eżerċenti u li jkollhom *warrant* maħruġ taħt l-artikolu 4(1); u

(*f*) tliet membri oħra li ma jkunux jeżerċitaw.

(3) In-numru ta' membri preżenti meħtieġ biex ikun hemm *quorum* ikun ta' sitta, iżda, dejjem jekk ikun hemm *quorum*, il-Bord jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fost il-membri tiegħu.

(4) Barra minn dak li ntqal qabel il-Bord jista' jagħmel ir-regoli tiegħu stess u xort'oħra jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(5) Il-Ministru jista' wkoll jagħżel uffiċjal pubbliku biex jagħmilha ta' segretarju tal-Bord, iżda s-segretarju ma jkollux vot.

(6) Biex ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, il-Bord għandu juża dawk il-flejjes skond ma l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jagħmel disponibbii għall-istess Bord; kif ukoll dawk il-flejjes skond ma l-Bord jista' taħt regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jiġbor bħala drittijiet jew xort'oħra.

Funzjonijiet tal-Bord. *Emendat: II. 2003.28; XIV. 2003.6; IX. 2008.52; XXIII. 2009.31.*

**7.** (1) Il-Bord għandu jirregola l-professjoni ta' l-*accountancy* fl-interess pubbliku u jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(*a*) li jikkunsidra applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' *warrants* jew ċertifikati ta' prattika taħt l-artikolu 4 u, fil-każ ta' *warrants*, jekk għandux jagħti parir lill-Ministru li joħroġ dawk il-*warrants* u, fil-każ ta' ċertifikati ta' prattika, jiddeċiedi jekk għandux joħroġ dawk iċ-ċertifikati ta' prattika;

(*b*) li jittratta, permezz ta' kumitati dixxiplinari maħtura taħt l-artikolu 7(16), każijiet ta' mġieba ħażina professjonali u proċeduri dixxiplinari oħra fir-rigward ta' detenturi ta' *warrant* jew detenturi ta' ċertifikat ta' prattika inklużi każijiet li jwasslu għas-sospensjoni jew l-irtirar ta' xi *warrant* jew ċertifikat ta' prattika maħruġ taħt dan l-Att;

(*ċ*) li jieħu dawk il-miżuri li jistgħu raġonevolment ikunu meħtieġa biex iħarsu l-interess pubbliku u l-integrità tal-professjoni inkluż kull għemil ta' restrizzjonijiet, l-imposizzjoni ta' multi u miżuri simili oħra fuq id-detentur ta' *warrants* u d-detentur ta' ċertifikat ta' prattika li f'ebda każ ma għandhom ikunu jeċċedu t-tnax-il elf euro (12,000.00) għal kull detentur ta' *warrant*, detentur ta' ċertifikat ta' prattika jew ditta;

(*d*) li jagħti pariri, jew jagħmel rakkomandazzjonijiet jew xort'oħra jesprimi l-veduti tiegħu lill-Ministru fuq kull ħaġa li l-Ministru għandu jikkonsulta dwarha mal-Bord jew li dwarha l-Bord għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru jew li dwarha l-Ministru jipprova jikseb il-veduti tal-Bord;

(*e*) li jwettaq dawk l-affarijiet kollha li jistgħu jkunu meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mid-Direttiva 2006/43/KE;

(*f*) li jistabbilixxi proċeduri dwar ir-reġistrazzjoni msemmija fis-subartikolu (4);

(*g*) li tiġi operata sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità adatta;

(*h*) li jagħmel dak kollu li jista' jkun meħtieġ biex jikkonforma ruħu mal-obbligazzjonijiet li jitnisslu mill-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern, u li jwettaq is-setgħat, funzjonijiet u responsabbiltajiet attribwiti lil xi awtorità kompetenti skond l-istess Att, inkluż l-għoti ta' għajnuna lil awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra skond id-disposizzjonijiet tal-istess Att; Kap. 500.

(*i*) li jagħmel dak kollu li jista' jkun meħtieġ biex jikkonforma ruħu mal-bbligazzjonijiet li jitnisslu mill-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki; Kap. 451.

(*j*) li jiġu pubblikati linji gwida fuq l-interpretazzjoni ta' dan l-Att u r-regolamenti u direttivi maħruġin taħtu; u

(*k*) dawk il-funzjonijiet l-oħra li huma jew li jistgħu jiġu assenjati lill-Bord b'dan l-Att jew b'kull liġi oħra jew li jiġu delegati lill-Bord mill-Ministru.

(2) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1), il-Bord jista' jikkonsulta ma' dawk il-persuni li jidhirlu xierqa, u jista' wkoll jaħtar kumitati, li ċ-*chairman* tagħhom ikun membru tal-Bord sabiex ikunu jistgħu jsiru dawk l-istudji jew dak ix-xogħol l-ieħor li l-Bord jista' jagħtihom, inkluż iżda mhux limitat għat-

twaqqif u l-operazzjoni ta' sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità.

(3) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1)(*e*), il-Bord ikun jista' jiskambja informazzjoni kunfidenzjali ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra.

(4) Il-Bord għandu jżomm reġistru aġġornat, fejn ikun jidentifika separatament dan li ġej:

(*a*) id-detenturi ta' *warrant* u d-detenturi ta' ċertifikati ta' prattika;

(*b*) ditti ta' awditjar u ditti ta' *accountancy*; u

(*ċ*) awdituri ta' pajjiżi terzi u entitajiet ta' awditjar ta' pajjiżi terzi.

(5) Il-Ministru jista', fuq rakkomandazzjoni tal-Bord, jippreskrivi d-dettalji li għandhom jitniżżlu fir-reġistru.

(6) Il-Bord għandu jirreġistra, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, lil kull awditur ta' pajjiż terz u lil kull entità ta' awditjar ta' pajjiż terz li tipprovdi rapport ta' awditjar dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' kumpannija inkorporata barra mill-Unjoni Ewropea li jkollha t-titoli trasferibbli tagħha ammessi għall-kummerċ f'suq regolat f'Malta fil-kuntest tat-tifsira tal-punt 14 ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE, ħlief meta l-kumpannija tkun l-emittent esklużiv ta' titoli ta' debitu li jkunu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat fi Stat Membru fil-kuntest tat-tifsira ta' l-artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2004/109/KE, li jkollhom denominazzjoni għal kull unità ta' mill-inqas ħamsin elf euro (50,000) jew, fil-każ ta' titoli ta' debitu denominati f'munita oħra, li jkunu ekwivalenti fid-data tal-ħruġ tagħhom, għal millanqas ħamsin elf euro (50,000).

(7) Ir-rapport ta' l-awditjar, imsemmi fis-subartikolu (6), ma għandu jkollu ebda effett legali sakemm l-awditur ta' pajjiż terz jew l-entità ta' awditjar ta' pajjiż terz ma jkunux ġew reġistrati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(8) L-awdituri ta' pajjiżi terzi u l-entitajiet ta' awditjar ta' pajjiż terz reġistrati għandhom, *mutatis mutandis*, ikunu soġġetti għar-regoli, obbligazzjonijiet, penalitajiet u reati taħt dan l-Att jew regolamenti jew direttivi maħruġin taħtu:

Iżda awditur ta' pajjiż terz jew entità ta' awditjar ta' pajjiż terz tista' tkun eżenti milli tkun soġġetta għas-sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità jekk sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità oħra li tkun tappartjeni lil xi Stat Membru jew pajjiż terz li tkun valutata bħala ekwivalenti mill-Bord skond is-subartikolu (9) tkun wettqet reviżjoni ta' kwalità ta' l-awditur ta' pajjiż terz jew ta' entità ta' awditjar involuta matul it-tliet snin ta' qabel.

(9) Il-Bord jista' abbażi ta' reċiproċità ma japplikax jew jibdel il-ħtiġiet li hemm provdut dwarhom fis-subartikoli (6) u (8) jekk l-awdituri ta' pajjiżi terzi jew l-entitajiet ta' awditjar ta' pajjiżi terzi jkunu soġġetti għal sistemi ta' sorveljanza pubblika, assikurazzjoni ta' kwalità u investigazzjonijiet u penalitajiet fil-pajjiż terz li huma ekwivalenti għal dawk taħt dan l-Att jew taħt regolamenti u direttivi maħruġin taħtu.

(10) L-ekwivalenza msemmija fis-subartikolu (9) għandha tiġi valutata mill-Bord li jista' wkoll jinvoka l-valutazzjonijiet li jkunu saru minn xi Stat Membru ieħor.

(11) Il-Bord jista' jirreġistra awditur ta' pajjiż terz u entità ta' awditjar ta' pajjiż terz skond d-disposizzjoni tas-subartikolu (6) biss jekk:

(*a*) ikollha fama tajba;

(*b*) l-awditur ta' pajjiż terz jew l-awditur ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jagħmel l-awditjar għan-nom ta' l-entità ta' awditjar ta' pajjiż terz jkollha kwalifiki li jkunu ekwivalenti għal dawk stipulati fl-artikolu 3(2);

(*ċ*) fil-każ ta' entità ta' awditjar ta' pajjiż terz, il-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv jew ta' maniġġ ta' l-entità ta' awditjar ta' pajjiż terz ikun konformi mal-ħtiġiet li huma ekwivalenti għal dawk stipulati fl-artikolu 10(6);

(*d*) l-awditjar imsemmi fis-subartikolu (6) isir skond *standards* ta' awditjar internazzjonali u jkun konformi mal-ħtiġiet ta' indipendenza, oġġettività u d-drittijiet ta' awditjar stabbiliti f'dan l-Att jew mill-Bord jew ma' *standards* u ħtiġiet ekwivalenti; u

(*e*) tippubblika fuq il-*website* tagħha rapport ta' trasparenza annwali li jkun jinkludi l-informazzjoni msemmija fl-artikolu 18(1) jew li jkun jikkonforma ma' ħtiġiet ta' żvelar ekwivalenti.

(12) L-ekwivalenza msemmija fis-subartikolu (11)(*b*), (*ċ*), (*d*) u (*e*) għandha tiġi valutata mill-Bord.

(13) Il-persuni kollha reġistrati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom javżaw lill-Bord bil-miktub b'kull bdil fl-informazzjoni li jkun hemm fir-reġistru li jappartjeni għalihom fi żmien ħmistax-il ġurnata wara d-data meta sseħħ il-bidla. Dak l-avviż għandu jkun iffirmat mid-detentur ta' *warrant*, detentur ta' ċertifikat ta' prattika, awditur ta' pajjiż terz, rappreżentant awtorizzat kif imiss tad-ditta reġistrata jew ta' l-entità ta' awditjar ta' pajjiż terz u jitwassal lill-Bord sa mhux iżjed tard minn dak iż-żmien li jista' jiġi preskritt mill-Bord għal dak l-għan:

Iżda l-Bord għandu jistabbilixxi proċeduri biex in-notifika ta' avviż imsemmi f'dan is-subartikolu ssir b'mezzi elettroniċi.

(14) Ir-reġistru għandu jiġi aġġornat mingħajr ebda dewmien u f'kull każ mhux iżjed tard minn erba' ġimgħat wara li jingħata l-avviż imsemmi fis-subartikolu (13).

(15) Ir-reġistru għandu jkun elettronikament disponibbli fuq il-*website* tal-Bord.

(16) Il-Bord għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1)(*b*) jew taħt regolamenti magħmulin mill-Ministru skond l-artikolu 8A, permezz ta' kumitati dixxiplinari li jinħatru għar-rigward ta' kull proċediment partikolari u li f'kull każ ikunu magħmulin minn ħames membri appuntati mill-Bord, tnejn minn lista ta' mhux inqas minn għaxar persuni li tiġi ppreżentata lil dak

il-Bord kull sena minn korpi ta' *accountancy* approvati u mit-tliet membri li jifdal, mill-anqas wieħed għandu jkun persuna li jkollha *warrant* taħt l-artikolu 4(1) li tkun eżerċitat il-professjoni għal dak il-perjodu li jista' jiġi preskritt. Il-Bord għandu jaħtar lil wieħed minn dawk il-membri lil persuna li tkun detentur ta' *warrant* jew persuna li kienet detentur ta' *warrant* biex toqgħod bħala *Chairman* tal-kumitat dixxiplinari.

(17) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa mogħtija lill-kumitat dixxiplinari taħt l-Att jew regolamenti jew direttivi maħruġin taħtu, il-kumitat dixxiplinari jkollu s-setgħa jimponi multi amministrattivi kontra kull persuna fil-każ ta' mġieba mhux professjonali u proċedimenti dixxiplinari oħra li f'kull każ m'għandhomx jeċċedu t-tnax-il elf euro (12,000.00).

(18) Il-Bord jista' bil-qbil tal-Ministru jiddelega, taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jista' jqis li jkunu adatti u bla ħsara għas-sorveljanza jew kontroll tiegħu, dawk il-funzjonijiet li jappartjeni lilu, li ma jkunux dawk taħt is-subartikolu (1)(*b*) jew dawk taħt l-artikolu 4, lil korp ta' *accountancy* approvat.

(19) Il-Bord għandu jippubblika rapport annwali li jkun jinkludi dettalji tal-programm ta' ħidma tiegħu annwali, rapporti ta' attività, deskrizzjoni tax-xogħol magħmul mill-kumitat dixxiplinari, ġabra tax-xogħol li jsir għar-rigward ta' assikurazzjoni ta' kwalità u dawk l-affarijiet l-oħra kollha li l-Bord iqis li jkunu relevanti.

(20) Ir-rapport annwali għandu jiġi pubblikat mhux iżjed tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena.

Regolamenti.
*Emendat:*
*XIV. 25003.7;*
*A.L. 423 tal-2007;*
*IX. 2008.53;*
*XXIII. 2009.32.*

**8.** (1) Il-Ministru jista', bir-rakkomandazzjonbi tal-Bord, jagħmel regolamenti li ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, biex jagħti effett aħjar lil xi waħda minn dawk id-disposizzjonijiet u b'mod ġenerali biex tiġi regolata l-professjoni ta' l-*accountants*, u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, dawk ir-regolamenti jistgħu b'mod partikolari jinkludu disposizzjonijiet dwar -

(*a*) it-twaqqif u t-tifsir ta' *standards* tal-kontijiet u l-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati li japplikaw għar-rigward tal-preparazzjoni ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' entitajiet;

(*b*) t-twaqqif u t-tifsir ta' *standards* ta' awditjar u l-prinċipji u l-prattika ġeneralment aċċettati ta' awditjar u dmirijiet u prattiċi oħra li għandhom jiġu segwiti minn awdituri, sew b'mod ġenerali sew f'oqsma partikolari ta' attività;

(*ċ*) l-għarfien ta' korp ta' *accountancy* approvat, il-kondizzjonijiet għal dak l-għarfien u s-sospensjoni jew l-irtirar tiegħu;

(*d*) ix-xogħol li ma jistax isir u s-servizzi li ma jistgħux jingħataw, sew għal kollox jew f'parti, ħlief minn persuna li jkollha *warrant* jew ċertifikat ta' prattika taħt dan l-Att;

(*e*) ix-xogħol li ma jistax isir u s-servizzi li ma jistgħux

jingħataw minn persuni li jkollhom *warrant* jew ċertifikat ta' prattika taħt dan l-Att;

(*f*) kull ħaġa li b'dan l-Att hi meħtieġa jew awtorizzata li tiġi preskritta;

(*g*) il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Bord dwar applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' *warrants* jew ċertifikati ta' prattika taħt l-artikolu 4;

(*h*) il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każijiet ta' mġieba professjonali ħażina jew fi proċeduri dixxiplinari oħra;

(*i*) il-proċedura tal-Bord;

(*j*) l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2006/43/KE;

(*k*) l-implimentazzjoni tas-setgħat, funzjonijiet u responsabbiltajiet attribwiti lill-Bord bħala l-awtorità kompetenti skond l-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern; Kap. 500.

(*l*) il-pieni, penalitajiet u konsegwenzi u effetti oħra li persuna tkun suġġetta għalihom jew li jistgħu jiġru fil-każ ta' xi kontravvenzjoni ta', jew nuqqas ta' konformità ma', xi disposizzjoni ta' xi regolament jew direttiva magħmulin taħt jew konformement ma' dan l-artikolu; hekk iżda li ebda piena hekk imposta ma tista' tkun iżjed minn multa ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000.00), jew priġunerija għal żmien sena, kemm flimkien ma' dik il-multa kemm mhux flimkien magħha, jew, fil-każ ta' reat kontinwu multa ta' mija u għoxrin euro (€120.00) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat, sew jekk din tiżdied sew jekk ma tiżdiedx mal-piena hawn qabel imsemmija.

(2) Il-Bord jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, joħroġ direttivi jew linji gwida li jkunu jirregolaw l-attività ta' detenturi ta' *warrants*, detenturi ta' ċertifikati ta' prattika jew ditti dwar dawn li ġejjin:

(*a*) l-imġieba professjonali ta' detenturi ta' *warrant*, detenturi ta' ċertifikat ta' prattika jew ditti, il-kodiċi ta' etika, *standards* ta' kompetenza u integrità u indipendenza li għandhom jinżammu mill-professjoni;

(*b*) il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni li tinkiseb minn detentur ta' *warrant*, minn detentur ta' ċertifikat ta' prattika, minn ditta jew mill-impjegati tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' xogħol li jsir jew servizzi mogħtijin fir-rigward tal-professjoni ta' l-*accountancy*;

(*ċ*) ir-reklamar u l-pubbliċità li jistgħu jsiru minn detenturi ta' *warrants*, detenturi ta' ċertifikat ta' prattika u ditti;

(*d*) il-ksib ta' xogħol professjonali;

(*e*) il-mod kif esperjenza għall-finijiet ta' l-artikolu 3(2)(*e*) jew li tista' tkun meħtieġa biex jinkisbu ċertifikati ta' prattika taħt l-artikolu 4(2), u l-persuni li dik il-prattika u esperjenza jkunu jistgħu jsiru magħhom;

(*f*) il-kontijiet ta' klijenti u flus li jinżammu f'isem il-klijenti u terzi;

(*g*) l-edukazzjoni professjonali kontinwa;

(*h*) it-twaqqif u t-tħaddim ta' assikurazzjoni ta' sistema ta' kwalità;

(*i*) it-tifsir u l-interpretazzjoni ta' kull disposizzjoni ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul taħt is-subartikolu (1);

(*j*) il-pieni, penalitajiet u konsegwenzi oħra u l-effett li persuna tista' tinkombi jew li jista' jseħħ fil-każ ta' xi kontravenzzjoni jew non-konformità mad-disposizzjonijiet ta' xi direttiva, b'dan illi dawn ma jistgħux jeċċedu dawk il-parametri li jistgħu jiġu stabbiliti fl-Att;

(*k*) l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2006/43/KE;

(*l*) l-implimentazzjoni tas-setgħat, funzjonijiet u responsabbiltajiet attribwiti lill-Bord bħala l-awtoritá kompetenti skond l-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern;

Kap. 500.

(*m*) l-għoti ta' dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa mingħand id-detenturi ta' *warrant*, id-detenturi ta' ċertifikat ta' prattika u ditti mill-Bord sabiex dan ikun jista' jwettaq xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att;

(*n*) it-twaqqif ta' sistema ta' reġistrazzjoni u tiġdid għal *warrants* u ċertifikati ta' prattika; u

(*o*) dawk l-affarijiet l-oħra kollha li jistgħu jiġu preskritti b'regolamenti.

(3) Id-direttivi u linji gwida li jinħarġu skond is-subartikolu (2) għandhom jiġu pubblikati:

(*a*) fil-Gazzetta; jew

(*b*) mill-Ministeru responsabbli għall-finanzi f'publikazzjoni separata u l-fatt li l-publikazzjoni tagħhom jiġi avżat fil-Gazzetta flimkien ma' informazzjoni dwar fejn il-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaraw dik il-publikazzjoni jew jiksbu kopji tagħha.

(4) Direttivi u linji gwida maħruġin skond is-subartikolu (2) ma għandhomx ikunu operattivi qabel ma tiskadi ġimgħa mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta skond ma hemm fis-subartikolu (3), jew xi data oħra li tiġi aktar tard skond ma jista' jiġi speċifikat fihom.

(5) Regolamenti, direttivi jew linji gwida magħmulin taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jistgħu isiru bl-ilsien Ingliż biss.

Regolamenti dwar rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki. *Miżjud: XVIII. 2002.10. Emendat: XXIII. 2009.33.* Kap. 450.

**8A.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex iġib fis-seħħ id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u r-regolamenti kollha magħmulin taħtu.

Korp ta' *accountancy* approvat. *Emendat: XIV. 2003.8.*

**9.** (1) Il-Ministru jista', bir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jagħraf kull assoċjazzjoni lokali ta' *accountants* bħala korp ta' *accountancy* approvat għall-finijiet ta' dan l-Att jekk il-Bord ikun sodisfatt, fost dawk il-ħwejjeġ l-oħra li jistgħu jiġu preskritti, li l-kwalifiki edukattivi u professjonali mitluba minn dik l-assoċjazzjoni sabiex wieħed isir membru assoċjat tagħha jkunu jaqblu mal-livelli aċċettati għal dak iż-żmien u li l-persuni kollha li jkollhom dawk il-kwalifiki jkunu jistgħu jidħlu membri.

(2) Dak l-għarfien għandu jkun suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru jista', bir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jimponi fl-għoti ta' dak l-għarfien jew kif jista' jiġi preskritt minn żmien għal żmien; u jekk f'xi żmien xi waħda mill-imsemmija kondizzjonijiet, jew xi waħda mid-disposizzjonijiet li jinsabu fi jew li jiġu preskritti taħt is-subartikolu li jaħbat wara dan, ma tiġix imħarsa jew sodisfatta, jew ikun hemm tibdil materjali fiċ-ċirkostanzi li taħthom ikun ingħata l-għarfien, il-Ministru jista', bir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jissospendi jew jirtira dak l-għarfien.

(3) Korp ta' *accountancy* approvat għandu jżomm reġistru tal-membri assoċjati tiegħu u għandu jirreġistra fih l-ismijiet tal-persuni kollha li jikkwalifikaw bħala membri tiegħu. L-imsemmi reġistru għandu jinżamm b'dak il-mod li jiġi preskritt.

Soċjetajiet ta' *accountants* jew ta' udituri. *Emendat: XIV. 2003.9; A.L. 423 tal-2007; IX. 2008.54; XXIII. 2009.34.*

**10.** (1) Meta żewġ persuni jew aktar ikunu bi ħsiebhom jaħdmu flimkien bħala *accountants*, huma jistgħu jiffurmaw ditta ta' *accountancy* li jkollha bħala wieħed mill-iskopijiet ewlenin tagħha l-prattika ta' l-*accountancy*:

Iżda biex ditta ta' l-*accountancy* teżerċita l-prattika ta' ditta ta' l-awditjar din tkun meħtieġa li jkollha bħala wieħed mill-iskopijiet ewlenin tagħha l-prattika ta' l-awditjar u għandha tadempixxi dawk il-kondizzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu preskritti minn żmien għal żmien:

Iżda wkoll ditta tista' tipprovdi servizzi oħra bla ħsara għall-konformità f'kull waqt mar-regoli dwar l-indipendenza u l-etika professjonali stabbiliti fil-Kodiċi ta' Etika u f'kull regolament, direttiva jew linja gwida oħra maħruġin skond l-artikolu 8.

(2) Meta ditta ta' *accountancy* tkun awtorizzata taġixxi bħala ditta ta' awditjar, din tista' tindika dak il-fatt fl-isem tad-ditta jew flimkien miegħu skond il-każ.

(3) Ebda persuna ma tista' tkun prinċipal f'ditta ta' *accountancy* li ma tkunx ukoll ditta ta' awditjar kemm-il darba dik il-persuna:

(*a*) ma tkunx detentur ta' *warrant* maħruġ taħt l-artikolu 4(1); jew

(*b*) ma tkunx persuna ta' fama tajba u ma tkunx kwalifikata kif imiss għax ikollha jew kwalifiki akkademiċi jew professjonali, jew esperjenza.

(4) F'ditta ta' *accountancy* li ma tkunx ukoll ditta ta' awditjar il-persuni li jinsabu elenkati fis-subartikolu (3)(*a*):

(*a*) għandu jkollhom iżjed minn ħamsin fil-mija tad-drittijiet ta' votazzjoni fid-ditta; u

(*b*) għandhom ikunu jikkostitwixxu iżjed minn sittin fil-mija mill-korp amministrattiv jew ta' maniġġ tad-ditta:

Iżda fil-każ ta' ditta ta' *accountancy* li jkollha bħala sidien tagħha, tkun amministrata u kontrollata minn żewġ individwi, ikun meħtieġ individwu wieħed biss li jkun joqgħod fuq il-korp amministrattiv jew ta' maniġġ tad-ditta biex jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fis-subartikolu (3)(*a*).

(5) Ebda persuna ma tista' tkun prinċipal f'ditta ta' awditjar kemm-il darba dik il-persuna:

(*a*) ma jkollhiex ċertifikat ta' prattika biex teżerċita l-prattika fis-settur ta' l-awditjar; jew

(*b*) ma tkunx ditta ta' awditjar li jkollha reputazzjoni tajba kif approvata f'xi Stat Membru ieħor; jew

(*ċ*) ma tkunx persuna ta' reputazzjoni tajba u tkun kwalifikata kif imiss għax ikollha jew kwalifiki akkademiċi jew professjonali, jew esperjenza.

(6) Ditta ta' awditjar għandu jkollha reputazzjoni tajba u għandha wkoll tissodisfa dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) l-individwi li jagħmlu l-awditjar f'isem id-ditta ta' l-awditjar għandu jkollhom ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar;

(*b*) il-maġġoranza tad-drittijiet ta' votazzjoni fid-ditta ta' awditjar għandhom ikunu miżmuma mid-ditta ta' awditjar jew mid-ditti ta' awditjar approvati f'xi Stat Membru jew minn individwi li jkollhom ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar; u

(*ċ*) sittin fil-mija tal-korp amministrattiv jew ta' maniġġ tad-ditta ta ' awditjar għandu jkun magħmul minn ditta ta' awditjar jew ditti ta' awditjar approvati f'xi Stat Membru jew minn individwi li jkollhom ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar:

Iżda fil-każ ta ' ditta ta' l-awditjar li jkollha bżala sidien tagħha, tkun amministrata u kontrollata minn żewġ individwi, ikun meħtieġ biss wieħed mill-individwi li joqogħdu fuq il-korp amministrattiv jew ta ' maniġġ tad-ditta ta' l-awditjar biex jiġu

sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu (*ċ*).

(7) Meta ditta tkun ġiet iffurmata kif imiss skond il-liġi, din għandha tiġi reġistrata mal-Bord, u malli ssir dik ir-reġistrazzjoni, il-prinċipali għandhom, matul dak iż-żmien li tkun għadha hekk reġistrata, ikunu awtorizzati mill-Bord li jaġixxu, f'isem u għan-nom tad-ditta u meta jkun japplika, li jġibu għall-konoxxenza tal-pubbliku l-fatt li d-ditta tista' tiffunzjona settur tal-professjoni ta' *accountant* li dwaru jista' jkun meħtieġ ċertifikat taħt l-artikolu 4(2); u fil-każ ta' ditta ta' *accountancy* din ikollha l-jedd skond dan li tuża t-tismija "*accountants* pubbliċi ċertifikati" u l-abbrevjazzjoni "CPAs".

(8) Meta ditta ta' awditjar tagħmel xi awditjar, ir-rapport ta' dak l-awditjar għandu mill-inqas ikun iffirmat mill-awditur individwali li jkun qiegħed jagħmel l-awditjar għan-nom tad-ditta ta' awditjar.

(9) Kull ditta reġistrata taħt dan l-artikolu għandha tagħti lill-Bord dik l-informazzjoni li l-Bord jista' jkun raġonevolment jeħtieġ jew skond ma jista' jkun preskritt, u għandha tavża lill-Bord b'kull bidla rilevanti f'xi informazzjoni li tkun ġiet qabel mogħtija lilu fi żmien ħmistax-il ġurnata wara d-data meta tibda sseħħ il-bidla.

(10) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra u minkejja kull ftehim għall-kuntrarju, il-prinċipali jkunu responsabbli li jżommu kull *standard* u mġieba professjonali meħtieġa inkluż kull Kodiċi ta' Etika li jista' jkun japplika, u jkunu ġeneralment responsabbli għat-twettiq ta' l-obbligazzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra applikabbli.

(11) Kull persuna li tuża t-tismija "*accountants* pubbliċi ċertifikati" jew l-abbrevjazzjoni "CPAs" u, jew, li ġġib għall-konoxxenza tal-pubbliku l-fatt li l-pussess ta' xi ċertifikat partikolari dwar ditta li ma tkunx reġistrata taħt dan l-artikolu jew b'kull mod ieħor ikun xjentement jagħmel użu minn isem li b'mod qarrieqi jkun jimplika l-eżistenza ta' dik id-ditta, jew li dik id-ditta tkun reġistrata, jew tkun tista' xort'oħra leġittimament tiffunzjona, taħt dan l-artikolu, jew tagħmel kull att ieħor li jkun meqjus li jwassal għall-intendiment li xi fatti minn dawk hawn qabel imsemmija jeżistu meta attwalment dawn ma jkunux, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab hekk ħatja, għal kull reat, għar-rigward ta' l-ewwel reat teħel multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500.00), u għar-rigward tat-tieni reati jew ta' reati sussegwenti teħel multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf euro (€12,000.00) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwat multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250.00) għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej ir-reat.

(12) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3(5) għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' ditta taħt dan l-artikolu l-istess bħal ma japplikaw għall-ħruġ ta' *warrant* taħt dan l-Att.

Assigurazzjoni għal indenniz u penalitajiet għal ksur ta' dmirijiet.
*Emendat:*
*XXXIV. 1986.5;*
*XIV. 2003.10;*
*A.L. 423 tal-2007;*
*IX. 2008.55;*
*XXIII. 2009.35.*

**11.** (1) Kull ditta iffurmata taħt l-artikolu 10 u kull detentur ta' *warrant* jew detentur ta' ċertifikat ta' prattika għandu, matul dak iż-żmien kollu li jkollu pussess ta' dak il-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika jew, skond ma jista' jkun jeħtieġ il-każ, matul dak iż-żmien kollu li tkun hekk iffurmata, u wara dak iż-żmien dwar xi ħaġa li tkun saret jew naqset milli ssir matul dak iż-żmien, tkun koperta b'assigurazzjoni għal indennizz, minn dik il-kumpannija, b'dak il-mod u għal dak l-ammont li jista' jkun preskritt, kontra kull responsabbiltà li dawk il-persuna jew ditta jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu kumpens għalihom fir-rigward ta' kull telf jew ħsara li klijent jew xi persuna oħra tista' ġġarrab bħala riżultat ta' xi att negliġenti, żball jew ommissjoni magħmula minn xi persuna jew ditta bħal dawk, jew minn xi prinċipal tagħha, jew minn xi impjegat tagħhom, meta jkunu qegħdin iwettqu l-funzjonijiet tagħhom kif ukoll dwar kull talba kontra fir-rigward ta' xi telf jew ħsara kaġunati jew istigati permezz ta' xi att diżonest, frawdolenti, kriminali jew qarrieqi, jew ommissjoni, ta' xi impjegat tagħhom.

(2) (*a*) L-assigurazzjoni għal indenniz imsemmija fis-subartikolu (1) għandha wkoll tkun estiża biex tkopri kull talba dwar telf jew danni li ssir matul il-ħames snin li jiġu minnufih wara t-temm fis-seħħ tal-polza minħabba f'illi xi prinċipal tal-professjoni jkun jew irtira, jew ċeda l-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika, u sakemm l-għemil negliġenti, żball jew nuqqas li jagħtu lok għat-talba jkunu ġraw matul is-seħħ tal-polza ta' assigurazzjoni.

(*b*) Fil-każ li polza ta' assigurazzjoni tiġi trasferita mingħand assiguratur għal assiguratur ieħor, il-polza l-ġdida għandha tkun estiża biex tindennizza lill-assigurat kontra kull talba dwar telf jew danni li ssir kontra l-assigurat għar-rigward ta' kull għemil negliġenti, żball jew nuqqas li jkunu ġraw, jew li jkun allegat illi ġraw, qabel il-bidu fis-seħħ tal-polza l-ġdida, sakemm l-assigurat ma jkunx jaf b'dan it-telf jew danni fiż-żmien meta jkun qed jikkompleta l-polza l-ġdida, u dan it-telf jew danni ma jkunux ġew avżati taħt xi polza oħra li tkun fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ tal-polza ġdida.

(3) (*a*) Il-ħtieġa ta' assigurazzjoni għal indenniz skond dan l-artikolu ma tkunx tapplika lil min ikun detentur ta' *warrant* jew detentur ta' ċertifikat ta' prattika għar-rigward ta' xi sena li matulha hu ma jkunx ipprattika l-professjoni ta' *accountant* jew ta' awditur u li jkun qabel ma bdiet dik is-sena informa lill-Bord bil-miktub li matul dik is-sena ma kienx sejjer jipprattika l-professjoni ta' *accountant* jew ta' awditur.

(*b*) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*a*) ma għandhomx jinftehmu bħala li jeżentaw lil xi persuna mill-obbligu li tkun koperta minn assigurazzjoni għal indenniz matul il-perijodu ulterjuri ta' ħames snin minnufih wara xi sena li matulha tkun ipprattikat il-professjoni.

(*ċ*) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu kull min huwa detentur ta' *warrant* jew detentur ta' ċertifikat ta' prattika li matul xi sena -

(i) ma jkun b'ebda mod jipprattika l-professjoni msemmija; jew

(ii) jipprattika l-professjoni msemmija bħala impjegat tal-Gvern, jew ta' enti morali mwaqqfa b'liġi, jew ta' persuna oħra, jew ta' ditta, għar-rigward biss tal-prattika ta' dik il-professjoni fil-qadi ta' dmirijietu matul dan l-impieg,

huwa eżentat mill-obbligu li jkun kopert minn assigurazzjoni għal indenniz skond is-subartikolu (1).

(4) Kull persuna jew ditta li huma marbutin li jkunu koperti minn assigurazzjoni għal indenniz skond dan l-artikolu għandhom, ta' kull sena u fi żmien ġimgħa minn meta jkunu kkuntrattaw jew ġeddu din l-assigurazzjoni għal indenniz, javżaw lill-Bord bil-miktub dwar l-isem tal-kumpannija assiguratriċi u n-numru relattiv tal-polza ta' assigurazzjoni, u għandhom jiddikjaraw lill-Bord li dak il-livell ta' kopertura ta' assigurazzjoni jkun jammonta għal mhux inqas minn dak l-inqas livell li jista' jiġi preskritt.

(5) Kull persuna li tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u teħel għal kull reat meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn sitt elef euro (€6,000.00), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwu multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn sitt mitt euro (€600.00) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat.

Ksur tad-dmir professjonali.
*Sostitwit: XIV. 2003.11; IX. 2008.56. Emendat: XXIII. 2009.36.*

**12.** Kull persuna li taġixxi jew tonqos milli taġixxi bi ksur tad-dmir professjonali li jkollu bħala *accountant* jew awditur, tista', jekk dak l-att jew ommissjoni jkunu jammontaw għal diżonestà jew mġieba ħażina gravi, meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal perjodu ta' mhux inqas minn sena u ta' mhux iżjed minn ħames snin, u l-qorti tista' wkoll timponi fuq dik il-persuna multa ta' mhux iżjed minn sittin elf euro (€60,000.00).

Ftehim projbit.
*Sostitwit: IX. 2008.56.*

**13.** Kull ftehim jew arranġament ieħor, skond ma jista' jiġi preskritt mill-Ministru, li jkollu l-għan li jeżenta lil detentur ta' *warrant* jew lil detentur ta' ċertifikat ta' prattika, minn kull responsabbiltà, oneru jew dmir li għandhom x'jaqsmu ma' l-awditjar statutorju, ħlief taħt polza ta' l-assigurazzjoni maħruġa taħt l-artikolu 11, biex detentur ikollu indennizz kontra xi responsabbiltà jew oneru bħal dawk, ikun null u bla effett.

Multi u provvedimenti amministrattivi.
*Emendat: XIV. 2003.13. Sostitwit: IX. 2008.56.*

**14.** Fil-każ ta' xi ksur ta' xi regoli taħt dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew direttivi maħruġin taħtu, il-Bord ikollu s-setgħa li jimponi pieni amministrattivi u ċanfir, u li jieħu dawk il-miżura oħra kollha li jista' jqis li tkun adatti skond iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Sospensjoni, revoka jew irtirar ta' *warrants* u sospensjoni jew tħassir ta' reġistrazzjonijiet.
*Emendat: XIV. 2003.14.*
*Sostitwit: IX. 2008.56.*
*Emendat: III. 2009.7; XXIII. 2009.37.*

**15.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 14, *warrant* jew ċertifikat ta' prattika maħruġin taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jistgħu jkunu sospiżi jew assoġġettati għal kondizzjonijiet oħra, u r-reġistrazzjoni ta' ditta taħt l-artikolu 10 tista' tkun sospiża, mħassra jew assoġġettata għal kondizzjonijiet oħra, mill-Bord, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, meta l-persuna li lilha dak il-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika kienu maħruġa jew d-ditta jew xi ħadd mill-prinċipali tad-ditta:

(*a*) ikunu nstabu ħatja, wara inkjesta li tkun saret mill-kumitat dixxiplinari maħtur taħt l-artikolu 7(16), ta' xi wieħed minn dawn l-atti jew ommissjonijiet li ġejjin:

(i) diżonestà, mġieba ħażina gravi jew negliġenza serja fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu;

(ii) kontravvenzjoni ta' xi regolament magħmul jew ta' xi direttiva maħruġa hekk kif meħtieġ b'dan l-Att meta r-regolament jew id-direttiva jkunu jipprovdu għas-sospensjoni, tħassir, irtirar jew assoġġettar għal kundizzjonijiet ta' *warrant* jew ċertifikat ta' prattika bħala konsegwenza ta' dik il-kontravvenzjoni;

(iii) kontravenzjoni materjali ta' regolamenti jew direttivi li jirrigwardaw *standards*, prattiċi jew integrità professjonali;

(iv) mġieba gravi li tnaqqas mill-kreditu tal-professjoni;

(v) nuqqas ta' konformità ma' xi kondizzjoni li jkun hemm fil-*warrant* jew fiċ-ċertifikat ta' prattika taħt is-subartikolu (5) meta dak in-nuqqas ikun wieħed ta' xorta materjali; jew

(*b*) ikunu nstabu ħatja minn xi qorti tal-ġustizzja -

(i) ta' xi reat taħt dan l-Att jew taħt regolamenti magħmulin taħtu; jew

(ii) ta' xi delitt li jaffettwa l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew ta' frodi jew li xjentement irċevew proprjetà miksuba b'serq jew frodi jew ta' xi delitt li għalih hemm piena ta' priġunerija ta' iżjed minn sena:

Iżda l-Bord jista', f'kull każ imsemmi fil-paragrafi (*a*) jew (*b*) hawn qabel:

(i) jirrevoka jew jirtira ċertifikat ta' prattika; jew

(ii) jagħti parir lill-Ministru biex jirrevoka jew jirtira l-*warrant*.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1):

(*a*) *warrant* jista' jiġi irtirat jew imħassar mill-Ministru fuq talba tad-detentur ta' *warrant* li tkun indirizzata lill-Bord;

(*b*) ċertifkat ta' prattika jista' jiġi irtirat jew imħassar

mill-Bord fuq talba tad-detentur ta' ċertifikat ta' prattika jew tad-ditta;

(*ċ*) ir-reġistrazzjoni ta' ditta tista' tiġi mħassra mill-Bord fuq talba tad-ditta;

(*d*) *warrant* jista' jiġi revokat jew imħassar mill-Ministru li jimxi skond il-parir tal-Bord, jekk il-Bord ikun tal-fehma li jkun hemm ċirkostanzi materjali li jirrigwardaw lill-persuna li lilha jkun inħareġ il-*warrant* jew li kieku ma kienx inħarġilha *warrant*, dawn kienu jiskwalifikaw lil dik il-persuna milli tikseb *warrant*;

(*e*) iċ-ċertifkat ta' prattika u r-reġistrazzjoni ta' ditta jistgħu jiġu revokati jew imħassra mill-Bord jekk il-Bord ikun tal-fehma li jkun hemm ċirkostanzi materjali li jirrigwardaw lill-persuna lil min ikun inħareġ iċ-ċertifikat ta' prattika jew lid-ditta li, li kieku ma kienx inħarġilha l-*warrant* jew ċ-ċertifikat ta' prattika jew id-ditta tkun ġiet reġistrata, skond il-każ, dawn kienu jiskwalifikaw lil dik il-persuna milli tikseb ċertifkat ta' prattika jew lil dik id-ditta milli tiġi reġistrata.

(3) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-artikolu l-kumitat dixxiplinari għandu jaġixxi skond dawk ir-regoli u proċeduri li jistgħu jiġu preskritti.

(4) Meta *warrant* jew ċertifikat ta' prattika jew reġistrazzjoni jkun ġie sospiż jew assoġġettat għal xi kondizzjonijiet jew meta ċ-ċertifikat ta' prattika jew ir-reġistrazzjoni tad-ditta jkunu ġew irtirati jew imħassra taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dik is-sospensjoni jew dawk il-kondizzjonijiet jistgħu jitneħħew mill-Bord f'kull waqt; u meta l-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika jkun ġie irtirat taħt is-subartikolu (2)(*a*) jew (*b*) jew ir-reġistrazzjoni mħassra taħt is-subartikolu 2(*ċ*), jistgħu jinħarġu *warrant* jew ċertifikat ta' prattika ġodda jew issir reġistrazzjoni ġdida f'kull waqt jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet għal dak il-ħruġ jew dik ir-reġistrazzjoni.

(5) Meta *warrant* ikun ġie revokat taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, li ma jkunx is-subartikolu (1)(*a*)(i) u (*b*), għar-rigward ta' reat kontra l-artikolu 3(5), l-artikolu 10(11) jew l-artikolu 10(12), il-Ministru jista', wara li jiskadu sentejn mid-data tar-revoka, u jekk il-Bord jagħti parir f'dan is-sens, joħroġ *warrant* ġdid taħt l-artikolu 4, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-Ministru bil-parir tal-Bord.

(6) Meta ċertifkat ta' prattika jkun ġie revokat taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, li ma jkunx is-subartikolu (1)(*a*)(i) u (*b*), għar-rigward ta' reat kontra l-artikolu 3(5), l-artikolu 10(11) jew l-artikolu 10(12), il-Bord jista', wara li jiskadu sentejn mid-data tar-revoka, joħroġ ċertifikat ta' prattika ġdid taħt l-artikolu 4, taħt dawk il-kondizzjonijiet skond kif jistgħu jiġu imposti mill-Bord.

(7) Mar-revoka jew l-irtirar ta' *warrant* jew ċertifikat ta' prattika maħruġin taħt dan l-Att, jew matul dak il-perjodu li fih dak il-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika jkunu sospiżi, il-persuna li lilha l-*warrant* jew iċ-ċertifikat ta' prattika kienu maħruġin għandu jtemm milli jibqa' d-detentur ta' dak il-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika; u meta jsir it-tħassir ta' xi reġistrazzjoni ta' ditta taħt l-artikolu 10, jew matul dak il-perjodu li fih dik ir-reġistrazzjoni tkun sospiża, id-ditta għandha tieqaf milli tibqa' hekk reġistrata.

Appelli.
*Miżjud: XXIII. 2009.38.*

**15A.** (1) Id-dritt ta' appell lit-Tribunal ta' l-Appelli, minn deċiżjonijiet skond l-artikolu 15B, jista' jiġi użat minn kull min iħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni:

Izda f'kull każ, persuna li tkun qegħda tappella quddiem it-Tribunal tal-Appelli għandha wkoll tispjega l-interess ġuridiku li jkollha li tattakka d-deċiżjoni li tkun qegħda tappella minnha.

Kap. 490.

(2) Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra fl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jew regolamenti magħmulin taħtu, appell minn deċiżjonijiet skond l-artikolu 15B għandhom isiru b'rikors u jiġu preżentati quddiem it-Tribunal tal-Appell fi żmien tletin ġurnata mid-data meta d-deċiżjoni tkun ġiet notifikata lill-parti li tkun qegħda tappella.

Deċiżjonijiet tal-Bord li jista' jsir appell minnhom.
*Miżjud: XXIII. 2009.38.*

**15B.** Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra b'xi liġi, ikun jista' jsir appell quddiem it-Tribunal tal-Appelli mid-deċiżjonijiet li ġejjin magħmulin taħt dan l-Att:

(*a*) xi deċiżjoni tal-Bord li ma jingħatax parir lill-Ministru biex joħroġ warrant, li ssir konformement mal-artikolu 7(1)(*a*), u xi deċiżjoni tal-Bord li ma jinħariġx ċertifikat ta' prattika, li ssir konformement mal-artikolu 7(1)(*a*);

(*b*) xi deċiżjoni tal-Bord konformement mal-artikolu 7(1)(*b*) li tittieħed wara inkjesta li ssir mill-kumitat dixxipinari maħtur taħt l-artikolu 7(16);

(*ċ*) xi deċiżjoni tal-Bord li tittieħed xi miżura skond l-artikolu 7(1)(*ċ*);

(*d*) xi deċiżjoni tal-kumitat dixxiplinari li jimponi multa amministrattiva konformement mal-artikolu 7(17);

(*e*) xi deċiżjoni tal-Bord li jirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' ditta konformement mal-artikolu 10(7) jew xi deċiżjoni tal-Bord konformement mal-artikolu 15(1) li jissospendi, iħassar jew jassoġġetta għal kondizzjonijiet oħra r-reġistrazzjoni ta' xi ditta jew li jirrevoka jew iħassar ir-reġistrazzjoni ta' ditta konformement mal-artikolu 15(2)(*e*);

(*f*) xi deċiżjoni tal-Bord, konformement mal-artikolu 14, li jinħarġu multi amministrattivi jew ċanfiriet jew li jiġu imposti xi miżuri oħra;

(*g*) xi deċiżjoni li tittieħed mill-Bord, konformement mal-artikolu 15(1), li jiġi revokat, irtirat jew sospiż ċertifikat ta' prattika, jew li ċertifikat ta' prattika bħal dak jiġi assoġġettat għal kondizzjonijiet oħra, jew li

jiġi revokat jew imħassar ċertifikat ta' prattika konformement mal-artikolu 15(2)(*e*);

(*h*) xi deċiżjoni li tittieħed mill-Bord, konformement mal-artikolu 15(1), li jiġi sospiż *warrant* jew li *warrant* bħal dak jiġi assoġġettat għal kondizzjonijiet oħra;

(*i*) xi deċiżjoni li tittieħed mill-Ministru, bil-parir tal-Bord, konformement mal-artikolu 15(1) jew mal-artikolu 15(2)(*d*), li jiġi revokat jew irtirat xi *warrant*; u

(*j*) xi deċiżjoni li tittieħed skond regolamenti jew direttivi maħruġin taħt dan l-Att, meta r-regolament jew id-direttiva tkun espliċitament tikkonċedi d-dritt ta' appell skond dan l-artikolu.

Stat ta' deċiżjoni sakemm isir appell quddiem it-Tribunal tal-Appelli jew il-Qorti ta' l-Appell. *Miżjud: XXIII. 2009.38.*

**15Ċ.** (1) Id-deċiżjoni tal-Bord jew tal-Ministru, skond il-każ, għandha tibqa' tgħodd sakemm isir l-appell, sew quddiem it-Tribunal tal-Appelli sew quddiem il-Qorti tal-Appell, u għandha titħares mill-partijiet kollha li d-deċiżjoni tkun tapplika għalihom.

(2) It-Tribunal tal-Appelli jew il-Qorti tal-Appell, skond il-każ, jistgħu, meta jqisu li jkun hekk adatt, wara li jsir rikors minn parti fl-appell, jissospendu d-deċiżjoni tal-Bord jew tal-Ministru, skond il-każ, sakemm l-appell jiġi finalment deċiż. It-Tribunal tal-Appelli jew il-Qorti tal-Appell għandhom, meta jiddeċiedu li jissospendu d-deċiżjoni, jiddikjaraw għala jkunu qegħdin jagħmlu dan.

Disposizzjonijiet ġenerali dwar reati. *Miżjud: IX. 2008.57. Emendat: XXIII. 2009.39.*

**16.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li jistabbilixxu reati u pieni għar-rigward tiegħu ma għandhomx jaffettwaw it-tħaddim ta' kull liġi oħra li tistabbilixxi reati u pieni għar-rigward ta' l-istess atti jew ommissjonijiet u ma għandhomx, b'mod partikolari, jaffettwaw l-applikazzjoni ta' pieni aktar ħorox taħt xi liġi oħra.

(2) Għall-finijiet ta' l-artikolu 3(6) u ta' l-artikolu 10(11), l-użu fuq xi biljett, *letterhead*, sinjal, indikazzjoni, pjanċa, reklam jew xi mezz, strument jew dokument ieħor miktub, stampat jew imnaqqax, tal-kliem "*accountant* pubbliku ċertifikat" jew ta' l-abbrevjazzjoni tagħhom "CPA", kemm fl-għamla singolari jew f'dik plurali, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-isem, għandu jkun prova biżżejjed li l-persuna li dawk il-kliem jew abbrevjazzjonijiet ikunu jirreferu għal isimha, tkun taf b'dak l-użu, kemm-il darba dik il-persuna ma ġġibx prova li dak l-użu sar mingħajr l-għarfien tagħha u li malli saret taf b'dak l-użu hija ħadet passi adegwati biex twaqqaf lil dan milli jibqa' jsir.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-Att:

(*a*) persuna m'għandhiex titqies li teżerċita l-professjoni ta' *accountant* jekk hija taġixxi sempliċement bħala impjegat ma' *accountant*, jew assistenta tiegħu, u ma tkunx toħroġ dikjarazzjonijiet ta' *accounting* jew ta' xorta finanzjarja bil-firma tiegħu;

(*b*) sal-limitu hekk preskritt, persuna m'għandhiex titqies li teżerċita l-professjoni ta' *accountant* jekk hija jkollha dak l-impjieg jew ikollha jew tkun tiffunzjona f'dik il-kariga, jew tkun twettaq biss dawk ix-xogħol,

servizzi, atti jew funzjonijiet, li jistgħu jiġu lilha preskritti.

(4) Meta l-Bord imexxi proċeduri li jirrigwardaw mġieba professjonali ħażina u proċeduri dixxiplinari oħra skond l-artikolu 7, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal proċeduri li jistgħu jittieħdu kontra l-persuni involuti taħt id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra u kull proċedura li tittieħed b'dan il-mod għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull proċedura li tista' tittieħed mill-Bord.

Kap. 9.

(5) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi li d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom jiġu applikati *mutatis mutandis* fir-rigward ta' min ikollu ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar.

Avviżi f'każ ta' tkeċċija jew riżenja ta' awditur.
*Miżjud:*
*IX. 2008.57.*
*Emendat:*
*XXIII. 2009.40.*

**17.** (1) Awditur għandu, fil-każ tat-tkeċċija jew ir-riżenja tiegħu bħala awditur ta' klijent ta' awditjar matul iż-żmien tal-ħatra tiegħu, jinforma lill-Bord bil-miktub dwar dik it-tkeċċija jew riżenja minn verifika u għandu jagħti spjegazzjonijiet adegwati għal dan kollu.

(2) L-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jsir fi żmien erbatax-il ġurnata mit-tkeċċija jew mir-riżenja skond il-każ.

Awditjar ta' entitajiet ta' interess pubbliku.
*Miżjud:*
*IX. 2008.57.*
*Emendat:*
*XXIII. 2009.41.*

**18.** (1) Dawk l-awdituri li jagħmlu awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku għandhom, fi żmien tliet xhur wara kull sena kalendarja, jippubblikaw rapport annwali ta' trasparenza fuq il-*websites* tagħhom, u jħallu dak ir-rapport fuq il-*website* tagħhom sal-pubblikazzjoni tar-rapport ta' trasparenza tas-sena kalendarja sussegwenti, li jkun jinkludi mill-inqas dan li ġej:

(*a*) deskrizzjoni ta' l-istruttura legali u min ikunu l-proprjetarji;

(*b*) meta d-ditta ta' awditjar tkun tappartjeni lil xi *network* deskrizzjoni tan-*network* u ta' l-arranġamenti legali u strutturali tan-*network*;

(*ċ*) deskrizzjoni ta' l-istruttura ta' governanza tad-ditta ta' awditjar;

(*d*) deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll ta' kwalità interna tad-ditta ta' awditjar u dikjarazzjoni mill-korp amministrattiv jew ta' maniġġ fuq l-effettività tal-funzjonament tagħha;

(*e*) indikazzjoni ta' meta tkun saret l-aħħar reviżjoni ta' assikurazzjoni ta' kwalità;

(*f*) lista ta' entitajiet ta' interess pubbliku li dwarhom l-awditur jew id-ditta ta' awditjar jkunu għamlu awditjar statutorju matul is-sena kalendarja ta' qabel;

(*g*) dikjarazzjoni li tirrigwarda l-prattiċi ta' l-awditur b'mod indipendenti li tkun tikkonferma wkoll li tkun saret reviżjoni interna ta' konformità ma' l-indipendenza;

(*h*) dikjarazzjoni dwar il-*policy* segwita mid-ditta ta' awditjar dwar l-edukazzjoni professjonali kontinwa ta'

l-awdituri;

(*i*) it-*turnover* totali diviż fi drittijiet għal awditjar u drittijiet għas-servizzi l-oħra kollha mogħtija; u

(*j*) informazzjoni li tirrigwarda l-bażi għar-rimunerazzjoni tal-prinċipal.

(2) Ir-rapport ta' trasparenza għandu jkun iffirmat mill-prinċipal responsabbli għall-konformità.

(3) L-ewwel rapport dwar trasparenza għandu jiġi pubblikat sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2009.

(4) Il-Bord jista' joħroġ linji gwida jew direttivi dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan l-artikolu.

Prinċipal responsabbli għall-konformità. *Miżjud: IX. 2008.57.*

**19.** (1) L-informazzjoni provduta lill-Bord taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew regoli u direttivi maħruġin taħtu għandhom jiġu ffirmati mill-prinċipal responsabbli għall-konformità.

(2) Il-Bord jista' joħroġ regoli li jkunu jippreskrivu l-użu ta' firem elettroniċi kif imfissra fl-inċiż 1 ta' l-artikolu 2 tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 fuq qafas Komunitarju għal firem elettroniċi.

Żvelar ta' miżuri u deċiżjonijiet. *Miżjud: IX. 2008.57. Emendat: XXIII. 2009.42.*

**20.** (1) Il-Bord għandu jiżvela lill-pubbliku kif imiss il-miżuri kollha li jittieħdu u l-penalitajiet imposti fuq awdituri skond dan l-Att jew regolamenti u direttivi maħruġin taħtu inkluż l-iżvelar adatt tal-pieni imposti. L-iżvelar meħtieġ b'dan l-artikolu jista' jseħħ permezz tar-rapport annwali li jiġi pubblikat skond ma hemm fl-artikolu 7(19).

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), il-Bord jew il-Ministru, kif ikun il-każ, għandhom jinnotifikaw permezz ta' posta reġistrata d-deċiżjonijiet meħuda skond l-artikoli 7(1)(*a*), 7(1)(*b*), 7(1)(*ċ*), 7(17), 10(7), 14, 15(1), 15(2)(*d*) u 15(2)(*e*) lil kull persuna li għaliha dik id-deċiżjoni tapplika.

Turija li l-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern qed jiġi osservat. *Miżjud: XXIII. 2009.43.* Kap. 500

**21.** Detentur ta' *warrant*, detentur ta' ċertifikat ta' prattika jew ditta għandhom, jekk jiġu hekk mitluba mill-Bord u bil-mod stabbilit mill-Bord, juru osservanza tal-obbligi imposti fuq dak id-detentur ta' *warrant*, detentur ta' ċertifikat ta' prattika jew ditta skond l-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq.